MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 59/2005

Kawza fil-lista: 40

**A B**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u C D gja F u G F u b' digriet tat-22 ta' Marzu 2005, Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati halli jirraprezentaw l-interessi tal-minuri E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

U premess illi l-konvenuta hija mizzewga lill-konvenuta G F, il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-presunzjoni li tistipula l-ligi nizzel lill-konvenut G F bhala

missier it-tarbija bl-isem ta' 'E' u dana skond ic-certifikat hawn anness u immarkat bhala Dok. 'SC1'.

U premess illi wara li l-konvenuta C D kienet izzewget lill-konvenut G F hija kienet isseparat minn mal-konvenut zewgha u kellha relazzjoni ma' l-attur u minn liema relazzjoni twieled il-minuri E.

U premess illi ghalhekk l-konvenut G F kien fl-impossibilta' li jkun il-missier naturali tat-tarbija E u dana hekk kif se jipprova l-attur fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

U premess illi l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tarbija E u dana hekk kif jirrizulta mid-DNA Test hawn anness (Dok. SC2).
U premess illi l-istess attur gia' irrikonoxxa permezz ta' att pubbliku lil E bhala ibnu (Dok. SC3).

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut G F m' huwiex il-missier naturali tal-minuri E u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand jekk this il-htiega din il-Qorti.

2. Tiddikjara, anke permezz tal-hatra ta' perit nominand, illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 879/2001 u dana billi fil-hames kolonna ta' l-istess att jitnehhew il-kliem 'G F (Pieta' Malta)' u jidhlu l-kliem 'A B (Cambertown, Awstralja)'.

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-konvenuti jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur A B ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

Illi huma gew nominati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri E F.

Illi f’ dan l-istadju huma m’ humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, izda ser jikkomunikaw mal-istess minuri mill-iktar fis possibli.

Ghaldaqstant jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda, ta' dawn il-partijiet;

Rat li l-konvenuta l-ohra debitament ingunti baqghu kontumaci;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu l-konvenut G F iddikjara li l-minuri E mhuwiex it-tifel tieghu;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur A B qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri E li twieled fl-10 ta' Jannar 2001, huwa l-wild naturali tieghu u mhux tal-konvenut G F kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u talab il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 879/2001.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003.*

Mill-provi jirrizulta pacifiku u mhux kontraddett li, ghalkemm il-konvenuti C D u G F ghadhom legalment mizzewwgin, dawn kienu sseparaw de facto hafna zmien

ilu; u C D konfermat li hi u zewgha kienu ilhom mis-sena 1996 ma jkollhom relazzjonijiet intimi.

Sussegwentement il-konvenuta C D bdiet relazzjoni ma' l-attur, u eventwalment kellhom tarbija mir-relazzjoni taghhom, bl-isem E li pero' fuq l-att tat-twelid gie registrat bhala wild il-konvenut G F peress li l-konvenuta C D ghadha legalment mizzewwga lilu.

Konformament mal-premess, l-attur irrikonoxxa lil E bhala ibnu permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Joseph Debono fid-9 ta' Jannar 2004.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attur, tal-minuri u ta' ommu l-konvenuta, jikkonferma t-tesi attrici li E huwa l-wild naturali ta' l-attur; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri E li twieled fl-10 ta' Jannar 2001, mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut G F, izda huwa t-tifel naturali ta' l-attur A B li ghandu n-numru ta' l-identita' 332682[M] bin Emanuel imwieled, Cambertown l-Awstralja u joqghod Hal Qormi, u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 25 sena;

u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 879/2001 tal-minuri E billi jitnehhew l-isem u l-konnotati tal-konvenut G F, u minflok jitnizzel l-isem ta' l-attur A B u l-konnotati tieghu; u jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li taghti d-dettalji dwar l-omm fl-istess Att.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C D, fi kwoti wgwali bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------